MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 535/2014

**Reliance Malta Limited (C55167)**

**vs.**

**Dorothea Bezzina K.I. 496670 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€795.00), premess:

1. Illi s-soċjetà attriċi hija l-amministratur ta' Kaskade Court Association li l-konvenuta tifforma parti minnha;
2. Illi l-konvenuta naqset milli tħallas is-somma komplessiva ta' seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€795.00) dovut minnha bħal membru ta' Kaskade Court Association għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' Kaskade Court, in kwantu erba' mija u ħmistax-il Ewro (€415) rappreżentanti l-ħlas għall-

manutenzjoni tal-partijiet komuni fuq imsemmija għas-sena elfejn u tlettax u erbatax (2013/2014) u in kwantu tliet mija u tmenin Ewro (€380) rappreżentanti l-ħlas għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni fuq imsemmija għas-sena elfejn u erbatax u ħmistax (2014/2015);

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€795.00), bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 ta' Diċembru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 3011/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------